# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Rikors Numru 53/10AL**

**Anton Borg**

**v.**

**Linda Susan Holm (Borg) u b-digriet tal-14 ta' Jannar 2013**
**l-Avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar u**
**l-PL Gerald Bonello gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Susan Linda Holm (Borg)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li permezz taghha l-attur:

"1. Peress illi l-partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg bejniethom f'Malta fis-16 ta' Dicembru 1997 u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;

"2. Peress illi miz-zwieg taghhom il-konjugi Borg kellhom zewgt itfal u cioe' Mikkel, li twieled fil-11 ta' Settembru 1998, u Mathias, li twieled fit-28 ta' Gunju 2000 u dan kif jidher mic-Certifikati tat-Twelid hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok B u Dok C;

"3. Peress illi waqt iz-zwieg il-kontendenti akkwistaw flimkien u in solidum bejniethom b'kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar

Bartolomeo Micallef il-fond fejn marru jirrisjedu, ossia flat Nru 1, 8, Triq il-Bronja, Mellieha, u il-garage, kif imsemmijin u deskritti fl-istess kuntratt, ghall-prezz globali ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (LM25,000), u cioe' tmienja u hamsin elf u mitejn u erbgha u tletin Euro u erbgha u tletin centezmi (€58,234.34), u dan kif jidher mill-kuntratt ta' bejgh hawn anness u mmarkat Dok D;

"4. Peress illi bl-istess kuntratt hawn fuq imsemmi l-kontendenti accettaw flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' erbghin elf Liri Maltin (LM40,000) jew tlieta u disghin elf, mija, erbgha u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94) moghti bhala loan minn HSBC Bank Malta p.l.c.;

"5. Peress illi illum iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment unikament tort ta' l-intimata, fost ragunijiet ohra minhabba li hija abbandunat id-dar konjugali f'Settembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) minghajr raguni valida, u dan meta waqt li l-kontedenti u t-tfal taghhom kienu vacanza fid-Danimarka l-attrici fuq qadja telqet bit-tfal u ma reghatx tfaccat aktar;

"6. Illi, wara l-prezentata mill-intimata tac-citazzjoni fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004), l-imsemmija intimata ottjeniet separazzjoni legali minn ma Anton Borg u dan b'sentenza tal-Qorti ta' Elsinore, id-Danimarka, tal-hmistax (15) ta' April elfejn u hamsa (2005), minghajr l-imsemmija Qorti ippronunzjat il-htija ta' xi parti li waslet ghas-separazzjoni;

"7. Peress illi sussegwentament l-attrici ottjeniet divorzju permezz ta' digriet mill-istess Qorti tal-ghoxrin (20) ta' Gunju elfejn u sitta (2006), u dan kif jidher mid-Dokument anness u mmarkat Dok. E, liema Divorzju gie registrat hawn Malta (vide Certifikat taz-Zwieg, Dok. A);

"8. Peress illi din il-Qorti, fil-kawza quddiem l-Imhallef Geoffrey Valenzia, rikors numru 131/2004 – bl-ismijiet 'l-Avukat Dr Lorraine Schembri Orland bhala mandatarja specjali tal-assenti Anton Borg pro et noe vs Dr Patrick Valentino u PL Veronica Rossignaud kuraturi deputati nominati biex jirraprezentaw l-assenti Linda mart Anton Borg' – fit-12 ta' Jannar 2005 harget digriet numru 28/05 dwar il-kustodja tat-tfal, fejn il-Qorti ikkonkludiet li l-minuri effettivament gew sekwestrati minn ommhom u ordnat li l-minuri Mikkel u Matthias jigu fdati fil-kura u kustodja ta' missierhom;

"9. Peress illi matul iz-zmien il-kontendenti kienu qed jipprovaw jilhqu arrangament bejniethom dwar l-access tar-rikorrenti ghat-tfal f'Malta u recentament il-kontendenti kienu qeghdin jippruvaw jilhqu arrangament bejniethom ukoll dwar ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

“10. U peress illi r-rikorrenti ottjena l-awtorizzazzjoni minn dina il-Qorti fil-25 ta’ Jannar 2010 sabiex jistitwixxi din il-kawza, kif jidher minn kopja tad-digriet relattiv hawn anness u mmarkat Dok F;

“Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, previa d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, joghgobha in vista tal-oggett tal-kawza u tar-ragunijiet fuq imsemmija:

“1. Tiddikjara u tippronunzja, jekk hemm bzonn, is-separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u l-intimat;

“2. Tiddikjara li l-intimata tahti ghas-separazzjoni personali u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tistabilixxi d-data minn meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata hatja tal-firda;

“3. Ixxolji l-komunjoni ta’ akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

“4. Tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti skont il-ligi u taqsamha f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-data ta’ l-akkwist ta’ immobli u oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn dina il-Qorti bhala d-data minn meta l-intimata ghandha tkun ikkunsidrata hatja tal-firda, b’tali mod illi jekk ikun il-kaz l-intimata titlef kull jedd li ghandha ghal nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tar-rikorrenti;

“5. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimata okkorrendo bin-nomina ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma u nomina ta’ nutar biex jippubblika l-atti opportuni u nomina ta’ kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

“6. Tapplika kontra l-intimata, interament jew in parti, d-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili;

“7. Tordna illi r-rikorrenti ikollu d-dritt eskussiv illi jirrisjedi fid-dar konjugali maghrufa bhala flat Nru 1, 8, Triq il-Bronja, Mellieha;

“8. Tordna illi l-kustodja tat-tfal minuri tigi fdata lir-rikorrenti u/jew taghti dawk il-provedimenti dwar il-kustodja u l-access tal-imsemmijin tfal minuri illi dina il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni u mehtiega fl-ahjar interess tat-tfal;

“Bl-ispejjez, kontra l-intimata illi hija ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni;”

Rat ir-risposta ta' Dottor Patrick Valentino bhala mandatarju specjali tal-intimata Linda (Borg) Holm:

"1. Illi fl-ewwel lok u illum stess l-esponenti, qieghed ghan-nom ta' l-assenti u ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi jaghti ruhu b'notifikat bl-atti tal-kawza;

"2. Illi ukoll in linea preliminari, jigi rilevat ir-rikorrenti konvenjentement nesa li jsemmi illi kien hemm proceduri fil-Qorti ta' Elisnore fid-Danimarka (Dok B) fejn kien inghata gudizzju datat ghaxra (10) ta' Jannar elfejn u sitta (2006) li kien nnewtralizza l-proceduri fil-Qrati nostrali, ossija dawk Cit. Nru 131/04, fejn il-Qorti msemmija kienet fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri Mikkel u Mattias esklussivament lill-esponenti u dana segwenti ghal seduta fejn kien deher ir-rikorrenti debitament assistit;

"3. Illi ma hemmx bzonn li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, stante illi gia hemm divorzju bejn il-partijiet li hu registrat lokalment (Certifikat anness Dok A);

"4. Illi l-esponenti taqbel illi l-komunjoni tigi xolta u jekk dan ma huwiex komodament divizibbli, il-mobbli / immobbli jinbieghu taht l-awtorita tal-Qorti u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet;

"5. Illi ma jissussistux ir-ragunijiet sabiex jigi applikat id-dispost ta Art 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana kif ser jigi pprovat ampjament fil-kawza, stante illi z-zwieg tkisser minhabba vjolenza prattikata fuq l-esponenti;

"6. Illi l-esponent ma taqbilx illi l-kura u l-kustodja tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti u dana minhabba l-gudikat hawn fuq imsemmi, u aktar u aktar fl-interess suprem tal-minuri peress li presenzjalment r-rikorrenti qata kull kuntatt kontinwu li kellu ma l-ulied minuri sa mill-elfejn u erbgha (2004) u di piu, t-tfal minuri, issa mill-elfejn u erbgha (2004) 'l hawn stabbilew rwiehom fid-Danimarka;

"7. Illi l-esponenti ma ghandhiex tbati spejjez ta' dana il-gudizzju stante illi fi trattattivi sabiex din il-kontensjoni tigi risolta minghajr il-bzonn tal-proceduri odjerni, kien ir-rikorrenti stess li ippretenda li ghandu jhallas biss hamest elef Euro (€ 5000) ghas-saldu ta' sehem l-esponenti ghal dak kollu mizmum in komun;"

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghtija fl-4 ta' Dicembru 2014 li l-konkluzjonijiet taghha qed jigu riprodotti ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza;

> "Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:
>
> "[1] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrent;
>
> "[2] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba tar-rikorrent;
>
> "[3] Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent;
>
> "[4] Tilqa' r-raba' u l-hames talba tar-rikorrent bil-mod segwenti:
>
> "**Porzjoni A li ser tigi assenjata lir-rikorrent Anton Borg**
>
> "i. Il-kontijiet bankarji intestati f'ismu inkluz il-kontijiet li huma abbinati mal-ulied;
>
> "ii. L-ammont ta' €10,665.81 rapprezentanti self da parti ta' Angele Borg lill-intimata li thallas mir-rikorrent. Tali ammont irid jithallas mill-intimata fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess intimata mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;
>
> "iii. L-ammont ta' €5753.84 rapprezentanti f'nofs il-hlas relattiv ghall-facilita' mal-HSBC Bank (Malta) Plc ghall-perjodu bejn April 2005 u Gunju 2011. Tali ammont irid jithallas mill-intimata fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess intimata mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;
>
> "iii. Kwalunkwe ammont iehor rapprezentanti fi hlas li seta' sar bejn Gunju 2011 sal-gurnata odjerna jew li ghad irid isir dejjem b'mod esklussiv da parti tar-rikorrent. Tali ammont irid jithallas mill-intimata fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess intimata mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;
>
> "iv. L-ammont ta' €2150.59 rapprezentanti nofs l-ispejjez tax-xogholijiet li saru da parti ta' Joseph Borg u Saviour Borg. Tali ammont irid jithallas mill-intimata fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess intimata mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;

“**Porzjoni B li ser tigi assenjata lill-intimata Linda Susan Holm (Borg)**

“i. il-kontijiet bankarji u investimenti kollha intestati f’isem l-intimata ghandhom jitqiesu li huma proprjeta’ esklussiva taghha;

“ii. L-ammont ta’ €30,000 rapprezentanti f’arretrati ta’ manteniment ghall-ulied. Tali ammont irid jithallas mir-rikorrent fi zmien xahar mid-data li din is-sentenza tkun *res judicata* jew inkella minn sehem l-istess rikorrent mir-rikavat mad-dar matrimonjali u l-garaxx gewwa l-Mellieha;

“**Porzjoni C li jridu jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet**:

“i. id-dar matrimonjali gewwa l-Mellieha flimkien mal-garaxx. Dawn ghandhom jinbieghu fis-suq miftuh ghall-prezz minimu ta’ €160,000 b’dan li mir-rikavat tal-istess bejgh, l-ewwel ghandu jithallas id-dejn mal-bank flimkien ma’ kwalunkwe spejjez u taxxi li jistghu ikunu dovuti. Il-mobbli li jinsabu fl-istess dar ad eccezzjoni tal-effett personali tal-partijiet ghandhom jinbieghu ukoll b’dan li r-rikavat jinqasam b’mod ugwali bejn il-partijiet;

“ii. il-kontijiet bankarji u investimenti kollha li huma kongunti (ad eccezzjoni tal-kont bankarju li huwa abbinat mal-facilita’ abbinata mad-dar u l-garaxx) ghandhom jinghalqu b’dan li r-rikavat jinqasam b’mod ugwali bejn il-partijiet;

“[5] Tichad is-sitt talba tar-rikorrent;

“[6] Tilqa’ s-seba’ talba tar-rikorrent limitament sakemm isir il-bejgh tal-istess dar msemmija;

“[7] Tichad it-tmien talba tar-rikorrent relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri b’dan li l-access favur ir-rikorrent ghandu jkun hekk kif indikat taħt il-paragrafu intitolat ‘Dwar it-Talba tal-Kura u l-Kustodja tal-Minuri u Access ghall-Intimat’;

“[8] Tilqa’ l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-intimata limitatament li tiddikjara li l-appartament numru tmienja (8) fi Triq il-Bronja Mellieha flimkien mal-garaxx huma proprjeta’ komuni bejn il-partijiet izda tastjeni milli tiddikjara jekk tali proprjetajiet humiex komodament divizibbli;

“[9] Tilqa’ t-tieni talba rikonvenzjonali tal-intimata limitatament li tiddikjara li l-mobbli huma proprjeta’ komuni bejn il-partijiet izda tastjeni milli tiddikjara jekk tali humiex komodament divizibbli;

“[10] Tichad it-tielet u r-raba’ talbiet rikonvenzjonali tal-intimata *stante* li dawn ma gewx sodisfacentement ippruvati;

> "[11] Tilqa' l-hames talba rikonvenzjonali tal-intimata u dan anke abbazi tar-raba' u l-hames talbiet tar-rikorrenti kif decizi aktar 'il fuq;
>
> "[12] Tichad is-sitt talba rikonvenzjonali tal-intimata;
>
> "[13] Tiffissa manteniment ghall-minuri kwantu ghal €250 kull wiehed pagabbli hekk kif deskritt taħt il-paragrafu intitolat 'Dwar it-Talba Ghall-Manteniment tal-Ulied' b'dan li r-rikorrent ghandu jhallas is-somma ta' €30,000 rapprezentanti arretrati ta' manteniment hekk kif imsemmi f'Porzjoni B li gie assenjat lill-intimata.
>
> "[14] Tilqa' t-tmien talba rikonvenzjonali tal-intimata.
>
> "Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet."

Rat il-korrezzjonijiet fis-sentenza appellata awtorizzati permezz tad-digriet ta' dik il-Qorti moghti fl-4 ta' Marzu 2015;

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija in kwantu:

> "(a) l-ewwel Onorabbli Qorti ikkalkulat li l-appellanti hallas esklussivament l-ammont ta' €11,507.69 biss ghall-facilita` mal-HSBC Bank (Malta) Plc ghall-perijodu bejn April 2005 u Gunju 2011 u in kwantu (b) l-ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet li l-appellata ghandha thallas lill-appellanti l-ammont ta' €5753.84 biss bhala l-ammont rapprezentanti nofs il-hlas relattiv ghall-facilita` mal-HSBC Bank (Malta) Plc ghall-perijodu bejn April 2005 u Gunju 2011; tilqa' t-talbiet u l-aggravi tal-appellanti u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija fl-4 ta' Dicembru 2014 u kif sussegwentement korretta permezz tad-digriet tal-5 ta' Marzu 2015.

Rat ir-risposta tal-atturi li permezz taghha issolleva li l-appell sar *fuori termine*, u allura l-appell huwa irritu u null;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

**L-ECCEZZJONI LI L-APPELL GIE INTAVOLAT 'FUORI TERMINE'**

Kif inghad, l-appellat qed jghid li l-appell gie intavolat tard. Biex wiehed jifhem dan, tajjeb li tigi spjegata s-sekwenza tal-fatti wara illi nghatat is-sentenza appellata.

Kif inghad, din inghatat fit-3 ta' Dicembru 2014; l-attur appellant imbaghad ipprezenta zewg rikorsi; wiehed fit-18 ta' Dicembru 2014 u l-iehor fl-20 ta' Frar 2015 fejn talab korrezzjonijiet li dehrlu kellhom isiru fis-sentenza. Fl-ewwel wiehed talab illi;

> "1. Illi a pagna 17 tas-sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, dina l-Onorabbli Qorti qalet is-segwenti:
>
> > "… Apparti minn hekk, ir-rikorrent jikkontendi li saru wkoll xi xoghlijiet fl-istess dar li swew €5969. Jikkontendi li kien hu biss li hallas ghal tali xoghlijiet. Dwar l-istess xoghlijiet ir-rikorrenti, tramite x-xhieda ta' Joseph B u Saviour B, jippresenta ricevuti dwar l-istess xoghlijiet u materjal li permezz taghhom jaghmel prova biss fl-ammont ta' €2952,13 u mhux fl-ammont li jsemmi rikorrenti."

"Illi fuq dana l-esponenti jirrileva, bir-rispett kollu, li dina l-Onorabbli Qorti ma kkonvertitx l-ircevuta li tinsab a fol. 114 tal-process u li hija datata 15 ta' Ottubru 2006, minn Liri Maltin ghal Ewro qabel ma pprocediet biex tghodd dawn l-istess ircevuti kollha flimkien. Ghalhekk, l-ammont ta' Lm1014.80 illum huwa €2363.84 u meta wiehed jghodd flimkien l-ircevuti esebiti in atti minn fol. 110 sa fol. 114, jidher li r-rikorrenti ghamel prova tal-ammont ta' erbat elef tlett mija u wiehed Ewro u sbatax-il centezmi (€4301.17) u mhux ta' €2952.13 kif indikat a pagna 17 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq premessi fl-4 ta' Dicembru 2014.

"Illi in vista tas-suespost, l-intimata ghandha taghti lir-rikorrenti l-ammont ta' elfejn mija u hamsin Ewro u disgha u hamsin centezmi (€2150.59) bhala l-ammont rapprezentanti nofs l-ispejjez tax-xoghlijiet li saru fid-dar matrimonjali u mhux l-ammont ta' €1476.06 kif indikat a pagna 25 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq premessi fl-4 ta' Dicembru 2014.

"2. Illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha dina l-Onorabbli Qorti qalet a pagna 17 tas-sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi:

> "Minn Dok. GA3 il-bilanc fid-data msemmija kien dak ta' Lm39,101.93 (€91,082.99), b'dan li l-ahhar ammont indikat fl-istess dokument …, kien dak ta' €79,575.30. Jidher ghalhekk li mill-anqas, ir-rikorrent hallas b'mod esklussiv (u dan ex-admissis mill-intimata stess) l-ammont ta' mhux anqas minn €11,507.69. ghalhekk sehem l-intimata jammonta ghal €5753.84."

"Fir-rigward ta' dan il-paragrafu - u ghalhekk ghall-perijodu wara 15 April 2005 sas-6 ta' Gunju 2011-bir-rispett kollu, jirrizulta mid-Dok GA3 li r-rikorrenti hallas b'mod esklussiv l-ammont ta' **erbghin elf disa' mija sebgha u disghin Ewro u hdax-il centezmi (€40,997.11)**. Illi l-esponenti wasal ghal dina l-figura - u dana dejjem abbaza ta' Dok GA3 li jinsab esebit fl-atti ta' dina l-kawza – peress illi dina l-Onorabbli Qorti naqset milli tinkludi fil-kalkolazzjonijiet taghha s-segwenti ammonti, ossia: (a) l-imghaxijiet imhallsa mill-esponenti fuq is-somma tal-loan principali tad-dar; (b) il-life insurance payments rikjesti mill-bank sabiex jinhareg il-loan principali tad-dar; u (c) il-House Insurance Payments ghal darb'ohra rikjesti mill-bank sabiex ikun jista' jinhareg il-loan principali tad-dar. Dawn l-ammonti huma kollha mnizzla fid-Dok. GA3. Ghalhekk, wara l-15 ta' April 2005 ossia mill-5 ta' Mejju 2005 sas-6 ta' Gunju 2011, l-esponenti hallas is-segwenti:-

"**A.** Bhala loan, ossia l-principal amount flimkien mal-imghaxijiet relattivi fuq tali principal amount, jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti, ossia Dok GA3 li l-esponenti hallas €38,229.08 kif spjegat fid-dettal hawn isfel:

“1. Minn Mejju 2005 sa April 2006 l-esponenti hallas kull xahar mija disgha u tmenin liri Maltin (Lm189) li llum huma ekwivalenti ghal erba’ mija u erbghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi €440.25) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 68048511051 189.00”)

“2. Fit-8 ta’ Ottubru 2005 hallas is-somma ta’ mija tmienja u erbghin liri maltin u tmenin centezmi (Lm148.80) li llum huma ekwivalenti ghal tlett mija u sitta u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmi (€346.61) “HSBC Deposit 148.80 Ref.: 60181-00167”

“3. Minn Mejju 2006 sa Gunju 2006 l-esponenti hallas kull xahar mitejn u sbatax-il lira maltin u sebgha u hamsin centezmi (Lm217.57) li llum huma ekwivalenti ghal hames mija u sitt Ewro u tmenin centezmi (€506.80) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 68048511051217.57”)

“4. Minn Lulju 2006 sa Novembru 2006 l-esponenti hallas kull xahar mitejn hamsa u ghoxrin liri maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm225.28) li llum huma ekwivalenti ghall-hames mija erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u sebghin centezmi (€524.76) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 68048511051225.28”)

“5. Minn Dicembru 2006 sa Frar 2007 l-esponenti hallas kull xahar mitejn disgha u ghoxrin liri maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm229.82) li llum huma ekwivalenti ghal hames mija hamsa u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmi (€535.34) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 68048511051229.82”)

“6. Minn Marzu 2007 sa Gunju 2007 l-esponenti hallas kull xahar mitejn tlieta u tletin liri maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm233.78) li llum huma ekwivalenti ghal hames mija erbgha u erbghin Ewro u sitta u hamsin centezmi (€544.56) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 68048511051233.78”)

“7. Minn Lulju 2007 sa Dicembru 2007 l-esponenti hallas kull xahar mitejn u erbghin liri maltin u sitta u ghoxrin centezmi (Lm240.26) li llum huwa ekwivalenti ghal hames mija disgha u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmi (€559.66) dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 68048511051240.26”)

“8. Fis-6 ta’ Novembru 2007 l-esponenti hallas is-somma ta’ erbghin liri maltin (Lm40) li llum huma ekwivalenti ghal tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmi (€93.17) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA 3 bhala “HSBC Deposit 40.00 Ref.: 60940-01346”)

“9. F’Dicembru 2007 l-esponenti hallas ukoll mija tlieta u erbghin liri maltin u tmenin centezmi (Lm143.80) li llum huma ekwivalenti ghal tlett mija erbgha u tletin Ewro u sitta u disghin centezmi (€334.96) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “HSBC Deposit Ref.: 60975-00419” F’Dok. GA3)

“10. Minn Jannar 2008 sa Awwissu 2008 l-esponenti hallas kull xahar hames mija disgha u hamsin Ewro u sitta u sittin centezmi (€559.66) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 68048511051559.66”)

“11. Minn Settembru 2008 sa Ottubru 2008 l-esponenti hallas kull xahar hames mija disgha u sittin Ewro u wiehed u erbghin centezmi (€569.41) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 68048511051569.41”)

“12. Minn Novembru 2008 sa Dicembru 2008 l-esponenti hallas kull xahar hames mija tmienja u tleti Ewro u erba’ centezmi (€538.04) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 680485110511051538.04”)

“13. Minn Jannar 2009 sa Frar 2009 l-esponenti hallas kull xahar hames mija u tmintax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmi (518.75) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA 3 bhala “DD Repayment 68048511051518.75”)

“14. Minn Marzu 2009 sa Gunju 2011 l-esponenti hallas kull xahar erba’ mija sebgha u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmi (€487.93) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Repayment 68048511051487.93”)

“**B.** u Bhala *Life Insurance* wara April 2005 sa Gunju 2011, jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti, ossia Dok GA3 li l-esponenti hallas €2079.66 kif spjegat fid-dettal hawn isfel:

“15. F’Ottubru 2005, f’Ottubru 2006 u f’Ottubru 2007 l-esponenti hallas mija tmienja u erbghin liri maltin u tmenin centezmi (Lm148.80) li llum huma ekwivalenti ghal tlett mija sitta u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmi (€346.61) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Ins. Repayment – 68048511051”)

“16. F’Ottubru 2008, f’Ottubru 2009 u f’Ottubru 2010 l-esponenti hallas tlett mija sitta u erbghin Ewro u wiehed u sittin centezmi (€346.61) (dana huwa mnizzel f’Dok. GA3 bhala “DD Ins. Repayment – 68048511051”)

“**C.** u Bhala *House Insurance* wara April 2005 sa Gunju 2011, jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti, ossia Dok GA3 li l-esponenti hallas €688.37 kif spjegat fid-dettal hawn isfel:

"17. F'Ottubru 2005 u f'Ottubru 2006 rispettivament l-esponenti hallas wiehed u erbghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm41.75) li llum huma ekwivalenti ghal sebgha u disghin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€97.25) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Ins. Repayment – 68048511051 – Ref.: 60204-00516" u "DD Ins. Repayment – 68048511051 – Ref.: 60569-00883" rispettivament)

"18. F'Ottubru 2007 l-esponenti hallas erbghin liri maltin (Lm40) li llum huma ekwivalenti ghal tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmi (€93.17) (dana huwa mnizzel bhala "DD Ins. Repayment – 68048511051 – Ref.: 60934-00856" f'Dok. GA3)

"19. F'Ottubru 2008 l-esponenti hallas tlieta u disghin Ewro u tmintax-il centezmi (€93.18) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "" "DD Ins. Repayment – 68048511051 – Ref.: 61300-00870")

"20. F'Ottubru 2009 u f'Ottubru 2010 rispettivament l-esponenti hallas mija tlieta u hamsin Ewro u sitta u sebghin centezmi (€153.76) (dana huwa mnizzel f'Dok. GA3 bhala "DD Ins. Repayment – 68048511051 – Ref.: 61665-00819" u "DD Ins. Repayment – 68048511051 – Ref.: 62031-01840" rispettivament)

"Illi ghalhekk jirrizulta li jekk wiehed jghodd flimkien il-paragrafi **A.: €38,229.08** flimkien ma' **B.: €2079.66** u flimkien ma' **C.: €688.37** kif hawn fuq dettaljati, l-ammont globali li hallas l-esponenti b'mod esklussiv huwa ta' **erbghin elf disa' mija sebgha u disghin ewro u hdax-il centezmi (€40,997.11)**.

"Illi in vista tas-suespost, l-intimata ghandha taghti lir-rikorrenti l-ammont ta' ghoxrin elf, erba' mija tmienja u disghin ewro u sitta u hamsin centezmi (€20,498.56) u mhux €5753.84 imsemmija a pagna 17 u 25 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi.

"Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi ai termini tal-Artiklu 825 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, isiru s-segwenti korrezzjonijiet u kwalunkwe korrezzjonijiet ohra necessarji in sostenn tal-korrezzjonijiet hawn isfel elenkati, fis-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi u dana taht kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi:

"(1) a pagna 17 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammont ta' €2952.13 jigi korrett u minflok jitnizzel l-ammont ta' €4301.17.

> "(2) a pagna 25 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammont ta' €1476.06 jigi korrett u minflok jitnizzel l-ammont ta' €2150.59.
>
> "(3) a pagna 17 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammonti ta' €11,507.69 u €5753.84 rispettivament jigu korretti u minflok jitnizzlu l-ammonti ta' €40,997.11 u €20,498.56 rispettivament.
>
> "(4) a pagna 17 u a pagna 25 tas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet fuq premessi, l-ammont ta' €5753.84 jigi korrett u minflok jitnizzel l-ammont ta' €20,498.56."

Il-Qorti permezz tad-digriet taghha tat-13 ta' Frar 2015, cahdet dawn it-talbiet. Allura l-appellant rega' ipprezenta rikors iehor fejn talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet imsemmi u permezz ta' digriet tal-5 ta' Marzu 2015 il-Qorti laqghet l-ewwel zewg talbiet fuq imsemmija.

Huwa evidenti li dawn iz-zewg rikorsi saru skont l-Artikolu 825 tal-Kap. 12 u dan jghid hekk;

> "825. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu ma jimpedux lill-Qorti, fuq rikors ta' waħda mill-partijiet, li għandu jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra, milli tikkorrieġi b'digriet, f'kull żmien, xi żball ta' kalkolu li jkun sar fis-sentenza.
>
> "(2) Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkorreġi żbalji fil- kliem użat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-Qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fi żmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u f' dak il-każ, iż-żmien mogħti minn dan il-Kodiċi għall-appell mis-sentenza li tkun ġiet hekk ikkorreġġuta, jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-digriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni."

Huwa evidenti ghall-Qorti li t-talbiet li saru mill-appellant permezz ta' dawn iz-zewg rikorsi saru taht l-ewwel sub inciz tal-artikolu msemmi

ghaliex fihom intalbet korrezzjoni ta' figuri. Ma ntalbet ebda korrezzjoni ta' xi kliem jew espressjonijiet li setghu jinftehmu mod iehor, izda bdil ta' figuri ta' somom ta' flus u allura l-appellant kien qed jallega zbalji ta' kalkoli.

Kif sewwa issollevat l-appellata, l-ewwel sub inciz ma jghidx, kif invece jghid is-sub inciz ta' wara li t-terminu tal-appell f'dawn il-kazi jibda ghaddej mid-data tad-digriet li jkun inghata in segwitu ta' dak ir-rikors. Allura l-estensjoni tat-terminu biex jigi prezentat l-appell ma tapplikax f'dan il-kaz. Huwa evidenti allura li dan l-appell gie prezentat tard ghaliex is-sentenza inghatat fl-4 ta' Dicembru 2014 u l-appell prezentat fil-5 ta' Marzu 2015.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza deciza fis-6 ta' Frar 2008 fl ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited et**.

Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares **ad unguem**, in raguni tal-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut *"l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula"* **Giuseppi Caruana v. Charles Psaila Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera**, 21 ta'

Marzu 1997); "*Jikkonsegwi mill-espressjoni ta' fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista' jigi sanat b' xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement hafna osservat, "in-natura inderogabbli tattermini processwali ggib b' konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta' certezza u, wkoll, ta' uniformita`*" **Salina Wharf Marketing Limited v. Malta Tourism Authority, Appell mill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu**, 12 ta' Dicembru 2007. Din il-Qorti esprimiet l-istess hsibijiet u konkluzjonijiet fil-kawza deciza minnha fis-26 ta' Gunju 2015 fl-ismijiet **John Vella v. Malta Industrial Parks Limited** b'riferenza ghal meta l-appell isir wara li jkun inghata permess skont l-Artikolu 234 tal-Kap. 12 meta dak il-permess ma jkunx mehtieg.

Kwindi l-pregudizzjali kontenuta fir-risposta ghall-appell jisthoqqilha tigi milqugha u allura ma hemmx lok li din il-Qorti tiddelibera ulterjorment.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tiddikjarah irritu u null ghaliex prezentat '*fuori termine'* u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

L-ispejjez ta’ dan l-appell huma a kariku tal-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df